MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 221/2009

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) f'isimha propju u kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Intercomp Marketing Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Intercomp Marketing Limited C20612**

**vs**

**C&C Express Limited u b'digriet ta' nhar is-6 ta' Lulju 2009 it-Tribunal qed jordna l-kjamata in kawza tas-socjeta' "Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd"**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ qed jintalab li s-Socjeta' Intimata tigi kundannata thallas lil Atlas Insurance PCC Ltd il-*quantum* ta' hames mija, erbgha u sittin Ewro tmienja u ghoxrin centezmi (€564.28c) u dak ta' mitejn tlieta u tletin Ewro (€233.00c) lis-Socjeta' rikorrenti l-ohra Intercomp Marketing Ltd u dana minhabba nuqqasijiet f'merkanzija li waslet Malta fil-3 ta' Marzu 2008 li ghalihom kienet responsabbli s-Socjeta' Intimata.

B'RISPOSTA ntqal hekk:-

(1) Nullita' ghax it-talbiet huma vagi.
(2) B'riserva ta' prezentata ta' eccezzjonijiet meta t-talbiet ikunu ccarati.

(3) It-talbiet ghandhom jigu michuda.

Sussegwentement is-Socjeta’ Intimata ressqet RISPOSTA (ara *fol* 31) hekk:-

(1) Nuqqas ta’ nterpellazzjoni mir-Rikorrenti fit-terminu previst mill-art 31(2) tal-Montreal Convention inkorporata fil-ligi Maltija bl-Avviz Legali 63/2003 kif emendat.
(2) Il-merkanzija ma gietx nieqsa meta kienet fir-responsabilta tas-Socjeta’ Intimata u f’kull kaz m’ghandha ebda htija ghal xi nuqqas jew serq.
(3) Fi kwalunkwe kaz kwalunkwe responsabilta’ hi limitata a tenur tal-Konvenzjoni msemmija
(4) Ghandhom jigu msejjha fil-kawza it-trasportaturi.

**Ra** li b’degriet tas-6/7/2009 fuq talba tas-Socjeta’ Intimata issejjhet fil-kawza s-Socjeta’ Fahrenheit Freight Forwarders Co Ltd. B’verbal fl-udjenza tat-28/10/2014 is-Socjeta’ Konvenuta rregistrat li ma kienetx qed tinsisti fuq ir-responsabilta’ tal-imsejjha fil-kawza. Dana wara li din kienet ressqet RISPOSTA (ara *fol* 41).

**Ra** wkoll li fuq talba tas-Socjeta’ Intimata giet imsejjha fil-kawza l-Air Malta plc u dana b’degriet tas-26/10/2011 (*fol* 70). Din ressqet RISPOSTA (ara *fol* 75) izda anke hawn is-Socjeta’ Intimata qalet li ma kienetx qed tinsisti fuq ir-responsabilta’ ta’ din. In fatti fl-ahhar il-kawza thalliet ghall-prezentata ta’ Nota ta’ Osservazzjonijiet miz-zewg kontendenti originali – u dan sar.

II PROVI

1. Jinghad li hawn qed jingiebu biss siltiet mill-provi li ghandhom jitqiesu flimkien ma dak kollu mressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fl-atti tal-kawza.
2. **<u>Brian Valenzia</u>**, direttur ta’ Atlas qal li l-kumpanija Rikorrenti l-ohra kienet assikurata maghhom u din ghamletilhom *claim* dwar nuqqasijiet f’xi *ribbons* impurtati: zewg kaxxi mwahhlin ma xulxin u wahda minnhom ghebet. Dawn gew trasportata mis-Socjeta’ Intimata. In vista tal-polza huma hallsu lill-assikurat u spjega kif inhu magmul il-*quantum* mitlub.
3. Ta spjegazzjoni dwar is-*survey* li ghamel hu u lil min kellem u esebixxa d-Dok BV1-9 (ara *folio* 9 sa 29). B’affidavit (*fol* 53) ta’ aktar indikazzjonijiet.
4. **<u>Ian Wirth</u>** ghal Intercom Marketing Ltd qal li kienu ordnaw 50 *ribbon* (kollha l-istess) mis-*supplier* ta’ barra u kienu nkarigaw lil BAS Ltd biex igibu l-merkanzija by TNT minghandu. Meta l-merkanzija waslet Malta bl-ajru sabu 25 flok 50 *ribbon* u ghamlu *claim* mal-Atlas li hallsithom skond il-polza. Fil-fatt kienet is-Socjeta’ Konvenuta li tqabbdet ghall-garr tal-merkanzija u kkonferma d-Dok BV1 sa 9. Dok BV5 hi d-*delivery note* tas-*supplier* li turi 50 ribbon. Hu ta aktar dettalji (ara *fol* 44/46).
5. **<u>Anthony Agius</u>**, *Shipping Clerk* mal-Intercom ghamel ordni hu mas-Socjeta’ Konvenuta bil-merkanzija titwassal fli stores tal-Intercom. Appena fetah il-

kaxxa sab 25 *ribbon* nieqsa. Meta kkomunika mas-*supplier* dan qallu li kien baghat 2 kaxi "strapped together as one piece". Dan isir bl-aljetti.

6. Esebixxa l-*airway bill* (Dok AA1) u ta dettalji (ara xhieda *a fol* 47/51) dwar il-korrispondenza li ghaddiet u dwar il-waslien tal-merkanzija.
7. **Diane Cassar** qalet (xehdet bl-Ingliz) li hi Managing Director tas-Socjeta' Intimata. Qalet li l-konsenja li tqabbdu jwasslu mill-Intercomp saret lill-*customer* fl-ajruport u dan qal, meta ccekkja, li kien hemm "missing pieces". Huma ghandhom ftehim ma TNT bhala "joint operator" kif hemm car fid-dokumentazzjoni kollha taghhom. Hi esibiet bhala Dok DC l-*invoice* mahruga minnhom lil Intercomp (fol *93*) u bhala Dok DC1 (*fol* 94) id-*delivery note* mill-Intercomp li bhala deskrizzjoni ssemmi MICR RIBBONS FOR CP300 MACHINE u Item: 1, QTY: 50 u notament "25 Ribbons Missing". Dan l-ahhar notament tnizzel mill-Intercomp. Meta jaraw hsara soltu huma jiehdu ritratt. Iktar dettalji moghtija mix-xhud *a fol* 87/88 u 96/98.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawn it-TRIBUNAL qed iqis dak kollu li rrizulta quddiemu u li jinsab fl-atti u wara li ta konsiderazzjoni misthoqqa liz-Zewg Noti ta' Osservazzjonijiet. Iqis li l-ewwel eccezzjoni tas-Socjeta' Konvenuta (nuqqas ta' kjarezza fit-Talbiet Attrici) giet sorvolata u z-zewg socjetajiet imsejjha fil-kawza mis-Socjeta' Intimata huma issa maqlugha barra mill-kawza.

2. B'ittra datata 10.04.2008 l-Intercomp gharrfu lis-Socjeta' Intimata bin-nuqqas (Dok BV4) u b'ittra datata 26.02.2009 l-Atlas interpellaw lis-Socjeta' Intimata ghall-hlas mitlub fl-AVVIZ. Il-merkanzija kienet waslet Malta fil-31.03.2008 u giet konsenjata lill-Intercomp fit-2 ta' April 2008. Hawn it-TRIBUNAL hu soddisfatt li n-nuqqas li dwaru qed jintalab kumpens kien realta' u f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' Anthony Agius hi rassikuranti. Hu mportanti li jinghad ukoll li dwar in-nuqqas hemm l-*email* Dok BV8. L-istess Diane Cassar qalet ukoll li n-nuqqas gie ndikat lill-kumpanija taghha mad-*delivery*. Jizdied li s-Socjeta' Intimata giet mgharrfa b'kollox fil-hin li trid il-ligi.

3. It-TRIBUNAL hu soddisfatt li l-merkanzija sfat bin-nieqes meta kienet fir-responsabilta' tas-Socjeta' Intimata li kellha tara li din titwassal ghand min qabbadha biex twassalhilu skond kif din thalliet f'idejha u l-provi juru li meta din giet f'idejn il-kumpanija indikata kienet kif kellha tkun, b'50 *ribbon.*

4. Dwar dik li hi limitazzjoni ta' responsabilta' dan hu marbut mal-konsiderazzjoni dwar kemm u sa liema limitu kien hemm sitwazzjoni ta' nuqqas inevitabbli. Dan il-fattur, li jrid jigi pruvat minn min jallegah ma jistax jitqies malajr malajr u jidhol fin-nofs ukoll il-kriterju tal-*bonus paterfamilias.* It-TRIBUNAL iqis li ma rrizultalu xejn li jgieghlu jaccetta xi inevitabilita' fin-nuqqas li qed isib da parti tas-Socjeta' Konvenuta.

IV DECIZJONI

In definitiva t-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) waqt li jqis li z-zewg Socjetajiet Imsejjha fil-Kawza, tnehhew barra mill-istess kawza (2) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-Socjeta' Intimata u (3) **jaccetta** t-Talbiet Attrici u ghalhekk jghaddi biex **jikkundanna** lis-Socjeta' Intimata biex thallas lis-Socjeta' Atlas Insurance PCC Limited il-*quantum* ta' hames mija, erbgha u sittin Ewro tmienja u ghoxrin centezmi (€564.28c) u l-*quantum* ta' mitejn tlieta u tletin Ewro (€233.00c) lis-Socjta' Intercomp Marketing Limited u dana bl-imghax kif mitlub fl-AVVIZ u (4) **jikkundanna** lis-Socjeta' Intimata biex thallas l-ispejjes kollha tal-kawza inkluzi dawk konnessi mas-Sejhiet fil-Kawza

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------